

9.11.2011

A7-0367/145

**Emenda 145**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformalazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Il-Kapitolu II ma japplikax għall-impriżi ferrovjarji li jħaddmu biss servizzi urbani, suburbani jew reġjonali.*

*Emenda*

1. *Din id-Direttiva għandha tapplika għall-impriżi ferrovjarji li jħaddmu servizzi ferrovjarji domestiċi u internazzjonali bl-eċċeżżjoni ta' mezzi oħra bbażati fuq binarju bħall-metro jew it-tramm.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kjarifika tal-ambitu hija essenzjali filwaqt li jitqies li s-servizzi reġjonali u suburbani spiss huma mħaddma fuq infrastruttura tan-netwerk ferrovjarju u minn impriżi ferrovjarji.*

9.11.2011

A7-0367/146

**Emenda 146**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 - paragrafu 2 - parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li  
ġejjin mill-kamp ta' applikazzjoni tal-  
Kapitolu III:

*Emenda*

2. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, ***skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-kundizzjonijiet ta' ħidma sikuri***, dawn li  
ġejjin mill-kamp ta' applikazzjoni tal-  
Kapitolu III:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kull Stat Membru għandu r-responsabbiltà li jiżgura r-rispett għar-regoli kollha eżistenti tas-sikurezza u tat-tħaddim ferrovjarju fī ħdan il-liġijiet nazzjonali tiegħu anke meta jiġi biex jagħti eżenzjoni.*

**Emenda 147****Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport****Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) netwerks ***maħsuba*** biss għat-tħaddim ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri urbani u suburbani;

*Emenda*

(b) netwerks ***użati*** biss għat-tħaddim ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri urbani u suburbani ***u li jintu żaww biss minn impriżza ferrovjarja waħda li ma tqaxx taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u sakemm il-kapaċità fuq dak in-netwerk tintalab minn applikant ieħor flimkien ma' din l-impriżza ferrovjarja;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika dwar liema tip ta' netwerk reġjonali tal-passiġġieri u servizzi jistgħu jiġu esklużi sakemm ma jkunux jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.*

9.11.2011

A7-0367/148

**Emenda 148**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – punt 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) “servizzi urbani u suburbani” tfisser servizzi **tat-trasport** imħaddma biex jaqdu l-bżonnijiet tat-trasport ta’ ċentru urban jew ta’ żona urbana estiża, flimkien mal-ħtiġjiet tat-trasport bejn dan iċ-ċentru jew din iż-żona urbana estiża u inħawi tal-madwar;

*Emenda*

(6) “servizzi urbani u suburbani”  
tfisser servizzi **ferrovjarji** mħaddma **fuq netwerk ieħor minbarra mezzi bbażati fuq il-binarji bħall-metro jew it-tramm** biex jaqdu l-bżonnijiet tat-trasport ta’ ċentru urban jew ta’ żona urbana estiża, flimkien mal-ħtiġjiet tat-trasport bejn dan iċ-ċentru jew din iż-żona urbana estiża u nħawi tal-madwar;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika meħtieġa għall-identifikazzjoni tan-netwerks ferrovjarji relatati u s-servizzi ferrovjarji kkonċernati li jaħdmu fuq dawn in-netwerks.*

**Emenda 149****Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport****Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – punt 12***Test propost mill-Kummissjoni*

(12) “applikant” tfisser impriża ferrovjarja u persuni jew entitajiet legali oħra, bħal awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 u shippers, forwarders tal-merkanzija u operaturi tat-trasport ikkumbinat, b’interess tas-servizz pubbliku jew b’interess kummerċjali fil-prokura tal-kapaċità tal-infrastutura;

*Emenda*

(12) “applikant” tfisser impriża ferrovjarja illīċenzjata b’interess tas-servizz pubbliku jew b’interess kummerċjali fil-prokura tal-kapaċità tal-infrastutura **għat-tħaddim ta’ servizzi ferrovjarji**;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-għarfiex tekniku kumpless, biex tinżamm l-allokazzjoni tal-kapaċità tan-netwerk filwaqt li jiġu evitati kwalunkwe użu ħażin jew prattiki ta' negozjar tal-binjarji, l-applikant awtorizzat ikun impriża ferrovjarja illīċenzjata. Kull estensjoni ulterjuri għal applikanti oħra minbarra impriża ferrovjarji bħall-forwarders tal-merkanzija jew forniture tas-servizzi tal-pakketti mhijiex konsistenti mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-UE 913/2010.*

9.11.2011

A7-0367/150

**Emenda 150**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Immaniġġjar tal-impriżi ferrovjarji *skont  
principi jkummerċjali*

Immaniġġjar tal-impriżi ferrovjarji

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-servizzi ferrovjarji huma wkoll parti mis-servizz ta' interess ġeneralji, u għalhekk mhumiekk ristretti għal principi jkummerċjali u mhumiekk bbażati aktar fuq deċiżjonijiet tal-Istati Membri meta jiġu stabbiliti obbligi tas-servizz pubbliku*

9.11.2011

A7-0367/151

**Emenda 151**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jippermettu l-impriżi ferrovjarji jaġġustaw l-attivitajiet tagħhom għas-suq u **jimmanniġġjaw dawk l-attivitajiet taħt ir-responsabbiltà tal-korpi tal-immaniġġjar tagħhom, fl-interess li jagħtu servizz effiċċenti u xieraq bl-inqas prezz possibbli għas-servizz meħtieġ.**

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jippermettu l-impriżi ferrovjarji jaġġustaw l-attivitajiet tagħhom għas-suq u **jipprovdū servizzi effiċċenti u xierqa inklużi l-obbligi tas-servizz pubbliku fil-qafas tat-trasport ferrovjarju bħala servizz ta' interessa pubbliku.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidla fl-impriżi ferrovjarji biex ikunu aktar orjentati għas-suq b'mod adegwat ma tippregħidikax l-obbligli tagħhom li jagħtu servizz pubbliku fil-qafas tal-kuntratt stipulat mal-Istat Membru kkonċernat.*

9.11.2011

A7-0367/152

**Emenda 152**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4. Jekk Stat Membru, direttament jew  
indirettament, għandu fil-proprijetà tiegħu  
jew jikkontrolla l-impriżi ferrovjarji, id-  
drittijiet tal-kontroll tagħom relatati mal-  
immaniġġjar ma għandhomx ikunu aktar  
mid-drittijiet relatati mal-immaniġġjar li  
l-liġi nazzjonali tal-kumpaniji tagħti lill-  
azzjonisti tal-kumpanijiet privati  
azzjonarji. Il-linji gwida tal-politika, kif  
imsemmija fil-paragrafu 3, li jistgħu jiġu  
stabbiliti mill-Istat għall-kumpaniji fil-  
kuntest tal-eżerċizzju tal-kontroll tal-  
azzjonisti, jistgħu jkunu biss ta' natura  
ġenerali u ma għandhomx ifixklu d-  
deċiżjonijiet speċifiċi tal-immaniġġjar tan-  
negożju.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bord tal-maniġment jerfa' r-responsabbiltà sħiħa li jirrispetta x-xewqa tal-partijiet  
interessati li jimplimentaw il-linji gwida eżekkutti xierqa.*

**Emenda 153****Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport****Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**Proposta għal direttiva****Artikolu 11 – paragrafu 1****A7-0367/2011***Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10 dwar servizzi bejn post ta' tluq u ta' destinazzjoni li huma koperti minn kuntratt ta' servizz pubbliku wieħed jew aktar b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ. It-tali limitazzjoni ma għandux ikollha l-effett li tnaqqas id-dritt li jittellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu f'ieħor, inklużi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, għajr fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ikun jikkomprometti l-ekwilibrju ***ekonomiku ta' kuntratt*** ta' servizz pubbliku.

*Emenda*

1. L-Istati Membri ***jew l-awtoritajiet lokali kkonċernati li jistipulaw kuntratt ta' servizz pubbliku*** jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10 dwar servizzi bejn post ta' tluq u ta' destinazzjoni li huma koperti minn kuntratt ta' servizz pubbliku wieħed jew aktar b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ. It-tali limitazzjoni ma għandux ikollha l-effett li tnaqqas id-dritt li jittellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon li jinsab fuq ir-rotta ta' servizz internazzjonali u li jitniżżlu f'ieħor, inklużi stazzjonijiet li jinsabu fl-istess Stat Membru, għajr fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ikun jikkomprometti l-ekwilibrju ***soċjoekonomiku u l-miri tal-politika ta' koeżjoni stabilita f'kuntratt*** ta' servizz pubbliku.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika ta' koeżjoni soċjali u l-miri tat-trasport relatati, stipulati f'kuntratt ta' servizz pubbliku jridu jiġu kkunsidrati fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess jew id-dritt li jittellgħu passiġġieri.*

9.11.2011

A7-0367/154

**Emenda 154**

**Sabine Wils**

f'isem il-grupp GUE/NGL

**Rapport**

**Debora Serracchiani**

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)  
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

**A7-0367/2011**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagraphu 1 – parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Jekk l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jkunx kompromess għandu jkun determinat mill-korp jew korpi regolatorju/i rilevanti msemmija fl-Artikolu 55 abbażi ta' analiżi ekonomika oġġettiva u abbażi ta' kriterji determinati minn qabel, wara talba minn kwalunkwe entità minn dawn li ġejjin :*

*Emenda*

*Il-korp jew korpi regolatorju/i rilevanti msemmija fl-Artikolu 55 jistgħu jintalbu jieħdu deċiżjoni, f'każ ta' tilwim dwar deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-awtorità, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu abbażi ta' analiżi ekonomika oġġettiva u abbażi ta' kriterji determinati minn qabel, u wara talba minn kwalunkwe entità minn dawn li ġejjin:*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korp regolatorju jintalab jintervieni biss f'każ ta' tilwim.*